MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 2338/2003

**Terranet Limited (C19399)**

**Vs**

**Andrew Grech**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Novembru 2003 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm1373.77 (elf tlett mija tlieta u sebghin Lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu) bhala rifuzzjoni ta' nofs paga ta' xahar wara li l-konvenut itternima l-kuntratt ta' impjieg qabel iz-zmien kif ukoll somma ekwivalenti ghal nofs l-ispiza inkorsa mis-socjeta` attrici ghall-uniformi li nghata l-konvenut.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Illi s-socjeta` attrici kienet timpjega lill-konvenut in forza ta' kuntratt ta' impieg tas-7 ta' Marzu, 2002, ghal zmien

specifikat ta’ sentejn li bdew jiddekorru mill-imsemmija data.

Illi fil-kors tal-impjieg tieghu mas-socjeta` attrici, il-konvenut inghata uniformi;

Illi l-konvenut ittermina l-impieg tieghu mas-socjeta` attrici b’ittra li l-istess konvenut bghat lis-socjeta` attrici li l-istess socjeta` irceviet fis-7 ta’ Awissu, 2003, u cioe` seba` xhur qabel ma ghalaq iz-zmien specifikat fil-kuntratt ta’ impieg hawn fuq imsemmi;

Illi a tenur tal-kuntratt ta’ impieg in kwistjoni il-konvenut huwa obbligat li jhallas is-socjeta` attrici somma ekwivalenti ghal nofs il-paga (kif definit fil-Ligi vigenti) kollha li kienet tmiss lill-istess socjeta` relattivament ghall-bqija taz-zmien espressament miftiehem skond l-istess kuntratt, kif ukoll somma ekwivalenti ghal nofs l-ispiza inkorsa mis-socjeta` attrici ghall-uniformi li nghata l-konvenut, ghas-somma premessa fl-Avviz odjern.

Bl-ispejjez, inkluzi l-ispejjez tal-ittra interpellatorja tat-30 ta’ Settembru, 2003 u bl-imghax legali, kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda u dana peress illi kuntrarjament ghal dak allegat fl-avviz tat-talba, l-impjieg tal-konvenut gie iffirmat mis-socjeta` attrici u ghalhekk ma jidhlux fis-sehh id-diposizzjoni tal-artikolu 11.2 tal-ftehim tas-7 ta’ Marzu 2002.

Illi fil-mertu l-ammont mhux dovut.

Salv eccezzjonjiet ohra.

Bl-ispejjez.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi t-Tribunal jinsab ricnfaccjat b'sitwazzjoni fejn iz-zewg versjonijiet moghtija huma verosimili. Da parti tas-socjeta attrici, tallega li l-impjegat taghha baghat ittra ta' rizenja minghajr gustifikazzjoni u hija tirrevoka l-kuntratt. Il-konvenut jallega li kienet l-istess socjeta` attrici li talbitu jaghmel ittra ta' rizenja biex l-istorja tieqaf hemm. Dak li huwa mankanti f'din il-kawza hija x-xhieda ta' Dorianne Mallia. Din kellha tkun il-prova madre! Pero` mill-banda l-ohra hemm ix-xhieda ta' omm il-konvenut li din Dorianne Mallia qaltilha kif tikteb l-ittra. Il-konvenut ma kienx kapaci u ta` certu livell biex jikteb l-ittra. Din il-versjoni taghmel sens ghax jekk il-kumpanija attrici kienet tkecci lill-impjegat dana seta jikkontesta l-istess terminazzjoni. B'ittra tar-rizenja l-impjegat ma setax jiehu passi skond il-kuntratt. Izda t-triq tibqa miftuha ghas-socjeta` attrici.

Jiddeciedi billi jilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jichad it-talbiet attrici, bl-ispejjes kontra l-istess socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------